**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 4 ta' Frar, 2020

Rikors Numru: 494/19 AL

**AB**

Vs

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-ħmistax ta' Frar tas-sena elf disa' mija disgħa u tmenin (15/02/1989) skond iċ-ċertifikat numru mija u ħamsin tas-sena elf disa' mija disgħa u tmenin (150/1989) (Dok MS1).

2. Illi minn dan iż-żwieġ kellhom tifla, G, illum maġġorenni.

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datata sebgħa u għoxrin ta' mejju elfejn u erbgħa (27/05/2004) bin-numru ta' referenza 1632/1999, liema sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell, deċiż nhar id-disgħa u għoxrin ta' April elfejn u ħamsa (29/04/2005) hawn annessa u mmarkata Dok MS2), ilhom separati minn qabel ma ġiet deċiża l-firda personali tagħhom, u ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni illum.

4. Illi l-intimata tħallset sitt'elef Liri Maltin (Lm 6000) a saldu tal-manteniment dovut lilha mir-rikorrent u l-manteniment tat-tifla G m'għadux jingħata stante li llum maġġorenni, għaldaqstant ma fadalx manteniment x'jingħata.

5. Illi l-partijiet jissodisfaw r-rekwiżiti kollha imposti mill-Liġi għall-ottjeniment tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kap 16.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tordna l-ħall taż-żwieġ tagħhom minnhom kuntrattat fil-ħmistax ta' Frar tas-sena elfejn (15/11/2000);
2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra d-divorzju tal-partijiet fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata mil-llum nġunta għas-subizzjoni

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2019;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta ghal dawn il-proċeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' April, 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.